# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**
Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971

24 ta' Jannar 2008

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 13/2008

## KUMITAT GĦAĊ-ĊELEBRAZZJONI TAS-SENA PAWLINA

L-Arċisqof ta' Malta u l-Isqof ta' Għawdex ħatru Kumitat biex jieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjoni tas-Sena Ġubilari speċjali dedikata lil San Pawl Appostlu, fil-gzejjer Maltin.

Is-Sena Ġubilari dedikata lil San Pawl tnediet mill-Papa Benedittu XVI għall-okkażjoni ta' l-elfejn anniversarju mit-twelid ta' l-Appostlu Pawlu, li l-istoriċi jgħidu li twieled bejn is-snin 7 u 10 Qabel Kristu.

Fid-29 ta' Ġunju 2007, il-Papa ħabbar uffiċjalment li s-Sena Pawlina għandha tiġi ċelebrata mit-28 ta' Ġunju 2008 sad-29 ta' Ġunju 2009. Il-Papa qal li din is-Sena għandha tiġi ċelebrata b'mod privileġġjat f'Ruma, fejn fil-Bażilika dedikata lill-Appostlu Pawlu hemm sarkofagu li fih hemm preservati, skond l-esperti u wkoll it-tradizzjoni, il-fdalijiet ta' San Pawl. Benedittu XVI żied jgħid li inizjattivi bħal pellegrinaġġi, pubblikazzjonijiet speċjali u laqgħat għax-xandir dejjem akbar tat-tagħlim ta' San Pawl, għandhom isiru wkoll f'kull naħa tad-dinja.

Il-Kumitat ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta u d-Djoċesi ta' Għawdex għas-Sena Pawlina hu mmexxi minn Mons. Charles Cordina, Segretarju Pastorali ta' l-Arċidjoċesi. Il-Kumitat jinkludi l-persuni li ġejjin:

Bibbja - Grace Cilia (Għaqda Biblika); Liturġija - Dun Jesmond Manicaro (Delegat, Segretarjat għal-Liturġija); Kultura - Mons. Ġwann Azzopardi (Kummissjoni Kultura); Pellegrini - Dun Alfred Vella (Segretarjat għall-Emigrazzjoni u Turiżmu); Reliġjużi - Fr. Tony Sciberras MSSP (Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl); Għaqdiet - Joe Camilleri (MUSEUM); Kappillani - Kan. Alfred Camilleri (f'isem il-parroċċi dedikati lil San Pawl fil-gżejjer Maltin); Postijiet b'konnessjoni ma' San Pawl - Fr. Joe Cilia OFM Conv (Istitut Soċjo-Kulturali ta' San Pawl il-Baħar); Rappreżentanti tad-Djoċesi ta' Għawdex - Kan. Frank Bajada u Alfred Grech; Lajċi - Juanita Formosa u Joyce Cassar.

Il-Kumitat se jiltaqa' għall-ewwel darba llum, il-Ħamis, 24 ta' Jannar 2008, lejlet il-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, fil-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana.